# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA NUMRU 38

24 t'Awwissu 2021

It-tmienja u tletin (38) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 24 t'Awwissu 2021 fis-1.30pm. Il-laqgħa nżammet b'mod virtwali minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Muscat — Aġent Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

**NOTA: 13:30 IL-KUNSILL QABEL B'MOD UNANIMU LI JIDDISKUTI L-MATERJA NRU 38.9**

### 38.9 KONFERMA TAL-ĦATRIET TA' VIĊI SINDKU U KUNSILLIER ELETT, U AĠĠORNAMENT TAR-RESPONSABBILTAJIET

38.9.1 Is-Sindku fetħet il-materja billi nfurmat li minħabba r-riżenja tal-eks Viċi Sindku GD, il-Kunsill għandu jeleġġi persuna ġdida fil-kariga ta' Viċi Sindku.

38.9.2 Is-Sindku kompliet billi nnominat lis-Sur Vincent Borg bħala Viċi Sindku u dan minħabba li kien it-tieni l-aktar persuna li ġabet voti fi ħdan il-partit li ġab l-aktar voti fl-aħħar elezzjoni lokali tal-Floriana.

38.9.3 Is-Sur Vincent Borg aċċetta l-kariga u proċeda sabiex jieħu l-ġurament tal-ħatra.

38.9.4 Is-Sindku spjegat li wara li saret elezzjoni każwali, ġie elett is-Sur Albert Demarco li kien ser ikun il-ħames kunsillier tal-Kunsill Lokali Floriana.

38.9.5 Is-Sur Albert Demarco proċeda sabiex jieħu l-ġurament tal-ħatra ta' kunsillier.

### 38.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

38.1.1. Is-Sindku qrat l-ittra tar-riżenja mibgħuta mill-eks Viċi Sindku Gail Demanuele. Hija ħadet l-opportunità tirringrazzjaha tax-xogħol siewi u d-dedikazzjoni tagħha tul din il-leġislatura. Il-Kunsilliera ingħaqdu magħha sabiex jirringrazzjawha tax-xogħol tagħha.

38.1.2. Is-Sindku ħadet l-opportunità sabiex tawgura lill-Viċi Sindku VB għall-ħatra tiegħu u sabiex tilqa' bħala kunsillier ġdid lill-Kunsillier Albert Demarco.

### 38.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

38.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-sebgħa u tletin (37) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

38.2.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (AD)

38.2.3. Il-Kunsillier AD astjena minħabba li ma kienx preżenti fil-laqgħa li għaddiet.

38.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 37.5.1 u staqsa jekk kienx hemm risposta min-naħa tal-Cleansing Department rigward iż-żona tal-Floriana Nursery. Is-Sindku qalet li kienet informata li l-materja ġiet riżolta.

38.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 37.5.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar id-dawl f'dik iż-żona. Is-Sindku wieġbet li kienet qed tistenna laqgħa min-naħa tal-Floriana Nursery minħabba li kienu ressqu wkoll talba oħra fuq tisbiħ ta' din iż-żona u għalhekk it-talbiet setgħu isiru b'mod konġunt.

38.2.6. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 37.3.8 u nforma li kien iltaqa' mal-Kaptan Marshall dwar it-talba mressqa fil-laqgħa preċedenti. Huwa qal li min-naħa tiegħu kien qed jipproponi li minflok tingħata ż-żona kollha mitluba, jingħataw tliet spazji ta' parkeġġ minn naħa u tliet spazji oħra min-naħa l-oħra tat-triq. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jinforma lil Transport Malta qabel jipproċedi.

## 38.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

38.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Nursery fejn talbu li jsir tisbiħ bil-pjanti mad-dawra taż-żona. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel u qabel li għandu jkellem lill-ELC sabiex jagħti xi pjanti lill-Kunsill biex ikun jista' jsebbaħ dik iż-żona. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinforma lill-Floriana Nursery li tali pjanti għandhom jieħdu ħsiebhom huma.

38.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-AKL fejn talbu lill-kunsilli lokali jindikaw bajjiet fejn jitħallew jgħumu l-annimali. Is-Sindku qalet li fiż-żona ta' Taħt il-Forka m'hemmx indikazzjoni li jistgħu jgħumu l-annimali. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-affarijiet għandhom jitħallew kif inhuma ġaladarba l-Kunsill m'għandux indikazzjoni jekk dik iż-żona hijiex tajba għall-għawm peress li qegħda fil-port.

38.3.3. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn talbu lill-Kunsill sabiex jorganizzaw presentation night b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jorganizza l-attivitá b'mod konġunt bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċediex l-€450.

38.3.3.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-Floriana Ajax kienu qed jiftħu l-istedina għall-kunsilliera nhar is-Sibt 28 t'Awwissu 2021.

38.3.4. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-AKL fejn pproponew lill-Kunsill jindika spazji fejn jistgħu jipparkjaw l-iscooters u dan sabiex ikun hemm spazju dedikat minflok jitħallew jiġru. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jipproponi ż-żoni ta' parkeġġ li hemm maġenb il-Fosos u l-parkeġġ ta' maġenb il-Phoenicia Hotel.

38.3.5. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand MDB Bank fejn informaw li kienu ser jarmaw scaffolding biex jirrestawraw il-faċċata, u talbu lill-Kunsill jikkonsidra li jagħti skont fuq l-ispiża relatata mal-permessi. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-ammonti kienu stipulati mil-liġi u dan l-introjtu kien imur għat-tisbiħ u investiment fil-lokalità.

38.3.6. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Reġjun Xlokk fejn talbu lill-Kunsill jinforma jekk kienx ser jixgħel xi monumenti jew jorganizza xi attività għall-Pink October. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jixgħel il-gallarija tad-Dar tal-Kunsill bħalma soltu jsir, kif ukoll jesplora l-possibbiltà li tinxtegħel l-Għajn ta' Wignacourt.

38.3.7. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Relative Support and Empowerment Group fejn talbu lill-Kunsill jipproponilhom postijiet fejn jistgħu jorganizzaw xi sessjonijiet. Il-Kunsill qabel li għandu jissuġġerilhom is-sala tal-Kunsill bil-kundizzjoni li jsegwu l-protokolli kollha tas-saħħa.

38.3.8. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni San Publju fejn informat li kien qed jiġi preparat materjal għas-serata f'unur il-Profs Oliver Friggieri. Minħabba r-restrizzjonijiet preżenti kif ukoll attivitajiet oħra li diġà ġew ikkonfermati, huma pproponew meta jkun l-aħjar żmien. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill iħalli f'idejn l-Assoċjazzjoni sabiex jaraw huma meta jkun l-aħjar. Il-Kunsill qabel.

## 38.4 RAPPORTI

38.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 38.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

38.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa kienx hemm żvilupp dwar l-arblu tal-bandiera tal-lokalità.

38.5.1.1. Is-Sindku qalet li meta kienet kellmet lill-Perit dwar dan, kienu identifikati diversi problemi fosthom li minħabba li t-triq kienet waħda prinċipali, kien hemm bżonn t'arblu kbir. Hija qalet li l-Perit kien irreferiha sabiex tiltaqa' ma' persuna oħra b'esperjenza fil-qasam u qalet li kellha tiltaqa' miegħu.

38.5.1.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx ġie kunsidrat post alternattiv.

38.5.1.3. Is-Sindku wieġbet fin-negattiv minħabba li matul il-laqgħat, dejjem kien ġie identifikat dak il-post peress li kien post ċentrali.

38.5.1.4. Is-Sindku qalet li ma kienx possibbli li jsir fuq il-bejt tad-Dar tal-Kunsill. Hija żiedet tgħid li fil-ġonna, kien hemm il-bandiera tal-kunsill lokali u għalhekk ma setgħetx tidentifika post ieħor li hu adegwat biex jitwaħħal dan l-arblu.

38.5.1.5. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk l-arblu setax isir fit-tarf tal-Fosos, ħdejn il-parkeġġ.

38.5.1.6. Is-Sindku qalet li għandha titkellem mal-Perit tal-Kunsill sabiex jaraw x'jista' jsir.

38.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa meta ser tkun lesta Triq San Tumas. Is-Sindku qalet li hija informata li sal-aħħar ta' dik il-ġimgħa kellha tingħata t-tarmac. Hija qalet li kien hemm xi problemi minħabba problemi ta' arkeoloġija.

38.5.3. Il-Kunsillier JAE staqsa kienx hemm xi żvilupp dwar il-funtana tal-iljun fi Triq Sant'Anna. Is-Sindku nformat li kienu qed jaraw min-naħa tal-Water Services Corporation u għandha titqatta' xi trinka biex isolvu l-problema tal-ilma.

38.5.4. Il-Kunsillier JAE informa li kien ġie avviċinat minn residenti biex isir eżerċizzju tal-ħamiem f'xi toroq. Is-Sindku qalet li minkejja li ma ssibx oġġezzjoni, kien hemm restrizzjonijiet finanzjarji li l-Kunsill irid jaderixxi magħhom. Id-DSE spjega kif ma jistax jinqabeż ammont specifiku li l-Kunsill seta' jħallas lill-kuntrattur. Huwa żied jgħid li ma jħossx li hu ġust li jinżamm il-pagament tal-kuntrattur ladarba x-xogħol ikun sar. Id-DSE qal li jittama li għandu jibda' l-eżerċizzju tal-ħamiem li ser isir min-naħa tal-AKL f'qasir żmien.

38.5.5. Is-Sindku ressqet mistoqsija li daħlet fil-website tal-Kunsill fejn persuna lmentat li x-xogħol fi Ġnien il-Mall ma kienx miexi. Is-Sindku qalet li kuljum tgħaddi minn hemm u kuljum tara ħaddiema jaħdmu. Hija qalet li min-naħa tal-GHRC kienu nformawha li l-proġett ser jiġi konkluż sal-aħħar tas-sena biss għandha terġa' tkellimhom sabiex tara kienx hemm xi żviluppi.

## 38.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

38.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 38.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

38.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 26/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

38.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 38.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji 2020

38.8.1. Id-DSE ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-abbozz tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-sena 2020.

38.8.2. Il-kunsill approva l-abbozzi b'mod unanimu u għalhekk dawn għandhom jiġu preżentati lin-National Audit Office.

## 38.9 KONFERMA TAL-ĦATRIET TA' VIĊI SINDKU U KUNSILLIER ELETT, U AĠĠORNAMENT TAR-RESPONSABBILTAJIET

38.9.1.1. Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni matul il-laqgħa.

38.9.1.2. Is-Sindku nformat lill-Kunsillier AD li fil-jiem li ġejjin kienet ser tiċċirkola miegħu lista' ta responsabbiltajiet sabiex jiġu assenjati d-dekasteri.

## 38.10 PUNTI MQAJJMA MIL-LAQGĦA MAL-COMMUNITY POLICE;

38.10.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li f'din il-laqgħa kienu preżenti wkoll ir-rappreżentanti tal-LESA.

38.10.2. Hija qalet li kienet talbet lill-Community Police sabiex jibdew jagħtu skeda lill-Kunsill minn ġimgħa minn qabel sabiex il-Kunsill ikun jaf lil min għandu jikkuntattja f'każ li jkun hemm bżonn.

38.10.3. Is-Sindku qalet li matul il-laqgħa kienu tkellmu wkoll dwar il-persuna li titma' l-qtates fejn kienet informata li din il-persuna kienet se titressaq bi proċeduri legali minħabba li kienu kellmuha wkoll tal-Animal Welfare u din irrifjutat li tikkoopera. Hija qalet li kienet informata li kien hemm ukoll filmati rekordjati li juru lil din il-persuna titma' b'mod illegali.

38.10.4. Is-Sindku qalet li kienet ġiet diskussa wkoll il-kordinazzjoni bejn il-LESA u l-Community Police. Kien hemm qbil li s-sorveljanza matul id-dħul u l-ħruġ tal-iskejjel kien ser jibqa' jsir mil-Community Police.

38.10.5. Is-Sindku nformat ukoll li l-Community Police Officers kienu ser jingħataw iċ-ċwievet tan-noticeboards. Hija żiedet tgħid li kienu talbu wkoll li ssir noticeboard viċin l-għassa. Hija qalet li kienet ser tkellem lill-Perit minħabba li l-loġoġ kienu skedati u għalhekk jaf ikun hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar.

38.10.6. Is-Sindku nformat li kienu waslu wkoll l-oġġetti li fl-aħħar tas-sena l-oħra kienu nxtraw konġuntament. Hija pproponiet li għal-launch ta' dawn l-oġġetti, issir konferenza stampa flimkien mal-Community Police u l-forzi tal-ordni sabiex ikun hemm awareness mar-residenti u nuru turija ta' impenn.

38.10.7. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għan-noticeboard li kien hemm fi Ġnien il-Mall u fakkar li din għandha terġa' titwaħħal. Is-Sindku wieġbet li din għandha titwaħħal appena jitlesta x-xogħol fi Ġnien il-Mall.

38.10.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-waqfa ta' tletin minuta fi Triq Sant'Anna u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Id-DSE qal li s-Surġent kien informa li kien ser jitkellem ma' Transport Malta biex tingħata din il-konċessjoni.

## 38.11 ATTIVITÀ ĠENNA TA' ĠONNA U ATTIVITAJIET OĦRA

38.11.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kien hemm bżonn jiġi deċiż jekk hux ser tittella' l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

38.11.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li bil-protokoll preżenti jkun aħjar jekk l-attività tiġi posposta.

38.11.3. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel avviż fuq il-paġni soċjali tiegħu sabiex jinforma li l-attività qed tiġi posposta.

38.11.4. Il-Viċi Sindku staqsa dwar l-allokazzjoni li kien hemm għall-attività. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill għandu jitkellem mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jara għalxiex tista' tintuża l-allokazzjoni.

38.11.5. Is-Sindku nformat bl-attivitajiet li ser jiġu organizzati fuq il-Fosos matul ix-xahar ta' Settembru. Hija qalet ukoll li kienet talbet laqgħa mal-MTA sabiex ikun hemm koordinament tajjeb matul l-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet.

## 38.12 DWAL TAL-MILIED

38.12.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kien hemm żewġ alternattivi fejn il-Kunsill seta' jagħmel bħal ma jsir issoltu jew jesplora biex iżid xi biċċiet tad-dawl żejda. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jgħolli ftit iktar il-budget.

38.12.2. Il-Viċi Sindku propona li jerġgħu jitnaddfu l-fanali fi Triq Sant'Anna. Is-Sindku qalet li dawn kienu jaqgħu taħt l-Enemalta iżda qalet li għandha tiċċekkja mal-kuntrattur tad-dawl tal-Kunsill biex jara jistgħux isiru minnu.

## 38.13 APPROVAZZJONI TAL-BORDS TAL-GĦAŻLA GĦAT-TENDERS U GĦAS-SEJĦA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

38.13.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kienet tkellmet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-kariga ta' segretarju fuq il-Bord u dan minħabba li d-DSE tal-Kunsill jaf ikun kandidat prospettiv u għalhekk ma jkunx jista' jassumi dan l-irwol.

38.13.2. Hija qalet li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għandhom jipproponu huma persuna li tista' tkun segretarja tal-Bord.

38.13.3. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-membri li ser ikunu fuq il-Bord tal-Għażla u qabel li l-membri jkunu is-Sindku, il-Viċi Sindku VB u l-Kunsillier JAE.

38.13.4. Dwar l-aġġudikazzjoni tat-tenders, il-Kunsill qabel li l-Bord għandu jikkonsisti mis-Sindku, il-Viċi Sindku VB u l-Kunsillier JAE kif ukoll mis-SE.

38.13.5. Is-Sindku għamlet riferenza għall-appuntament tagħha bħala President tal-Assoċjazzjoni Sports Floriana, kariga li tradizzjonalment dejjem okkupa s-sindku li jkun hemm elett fil-lokalità.

38.13.6. Hija qalet li din l-għaqda bilkemm tiltaqa' u għalhekk żgur li ma kienitx qed isservi l-iskop tagħha.

38.13.7. Is-Sindku żiedet tgħid li tinsab infurmata li din l-għaqda għandha tagħti eluf kbar f'kontijiet lill-ARMS.

38.13.8. Is-Sindku qalet li bil-permess tal-Kunsill, dejjem jekk hemm qbil, ser tkun qed tkellem lill-Avukat tal-Kunsill sabiex tirrinunzja l-kariga ta' President tal-Assoċjazzjoni Sports Floriana. Dan minħabba li l-kariga ma kienitx teżisti u hemm kontijiet kbar pendenti, u għalhekk ma tħossx li dan xi darba jew oħra jiġi jirrifletti fuqha personali. Hija tħoss li jekk xi darba din l-għaqda kienet tagħmel il-ġid dan m'għadux fis-seħħ minħabba li l-għaqda lanqas kienet għadha tiltaqa'. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 38.14 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

38.14.1. Il-laqgħa intemmet fit-15.00 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 15 ta' Settembru 2021 fis-1.30pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

| | |
|---|---|
| **(iffirmati)** | **(iffirmati)** |
| Davina Sammut Hili<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |